MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2010

Appell Civili Numru. 4/2010

**Joseph Azzopardi**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Marzu, 2010 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali datata 3 ta' Marzu 2009.
>
> Ra l-ittra ta' l-appell.
>
> Ra r-Risposta tad-Direttur datata 2 ta' Marzu 2010 flimkien mad-dokumenti kollha li gew esebiti.

> Ikkunsidra:
>
> Illi permezz ta’ decizjoni moghtija minnu fit-3 ta' Marzu 2009, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali ddecieda illi l-appellant ma kienx intitolata ghall-Ghajnuna ghall-Qaghad peress illi ma kienx sodisfatt li l-kapital ta’ l-appellant ma kienx jeccedi l-Ewro 14,000, u/jew li ma kienx iddispona mill-kapital sabiex jikkwalifika ghall-Ghajnuna Socjali.
>
> Peress illi jirrizulta b'mod car li fiz-zmien meta kien applika ghall-Ghajnuna Socjali ghal Qaghad, l-appellant kien fil-pussess ta' rizorsi kapitali li kienu jeccedu l-limitu ta' Ewro 14,000 kif stabbilit mill-ligi sabiex wiehed ikun intitolat ghal tali Ghajnuna, id-decizjoni tad-Direttur ittiehdet skond il-ligi u timmerita konferma.
>
> Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata qed tigi konfermata.”

Ir-rikorrenti Joseph Azzopardi appella minn din id-decizjoni b’dawn is-sottomissjonijiet:-

i. Huwa akkwista l-fond gdid tar-residenza tieghu fi stat gebel u saqaf;
ii. Huwa ssottometta ricevuti li ma gewx accettati mid-Dipartiment u dan minghajr spjegazzjoni valida;
iii. Huwa esebixxa skrittura datata 31 ta’ Jannar 2007 li turi li kien issellef is-somma ta’ tmien mitt lira (Lm800);

In mertu ghal kull wahda minn dawn is-sottomissjonijiet din il-Qorti trid tirregistra s-segwenti:-

1. Ibda biex mill-vizjoni ta’ l-atti ta’ l-akkwist ta’ l-appartament tieghu datat 25 ta’ Lulju, 2008, atti Nutar Charles Vella Zarb, ma jirrizulta minn imkien illi l-fond

inxtara gebel u safaq. Inxtara iva *tale quale* izda bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu;

2. Mill-inkartament tal-kaz ma jirrizultaw ebda ricevuti li l-appellanti jallega li ssottometta lid-Dipartiment. In effetti minn ebda Minuta tal-kopja tal-file dipartimentali ma jirrizulta li gew prodotti ricevuti u li dawn gew rifjutati;

3. Kwantu ghall-iskrittura tas-self u li skond l-appellanti fix-xhieda tieghu (udjenza 8 ta' Marzu, 2010) jinghad li nkitbet dan l-ahhar biss, jinghad li s-self ta' Lm800 (€1863.50) gie restitwit lura fil-25 ta' Gunju 2009;

Il-fatti kif jemergu mill-istess inkartament ikomplu jillustraw illi l-appellanti kien iddispona mill-fond li kellu qabel ghall-prezz ta' €30,281 b'kuntratt tal-20 ta' Lulju, 2007, atti Nutar Pierre Falzon. Attiz, li hu xtara fond iehor fil-25 ta' Lulju, 2008, ghall-prezz ta' €3500, dan ifisser, fl-assenza ta' prova dimostrattiva u konvincenti, illi meta huwa applika ghall-Ghajnuna ghall-Qghad fit-2 ta' Frar, 2009 kellu fil-pussess tieghu s-somma residwali ta' €26,781;

Sija jekk huwa pertinenti ghall-kaz l-avviz tad-Direttur datat 3 ta' Marzu 2009, sija jekk accettabbli illi dak l-istess avviz inhareg fit-13 ta' Awissu, 2009 jibqa' l-fatt inkonfutabbli illi in mankanza ta' provi sodisfacenti d-Direttur appellat sewwa ddecieda illi l-appellanti ma kienx jikkwalifika ghall-beneficcju socjali ghal liema applika in kwantu r-rizorsi kapitali tieghu fil-mument ta' l-istess applikazzjoni kienu jeccedu l-ammont massimali ta' €14,000, kif mill-previzjoni tal-ligi (Kapitolu 318) stipulat fit-Tieni Skeda.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, ikkonfermata. L-ispejjez relattivi ta' dan l-appell jibqghu jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------